

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ottubru 2015 – Ċipru vs UASI (XΑΛΛΟΥΜΙ u HALLOUMI)**(Kawżi magħquda T-292/14 u T-293/14) <sup>(1)</sup>[*“Trade mark Komunitarja — Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji verbali XΑΛΛΟΥΜΙ u HALLOUMI — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta’ karattru distintiv — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”*]

(2015/C 398/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentanti: S. Malynicz, barrister, u V. Marsland, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

**Suġġett**

Żewġ rikorsi kontra żewġ deċiżjonijiet tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tad-19 ta' Frar 2014 (Każ R 1849/2013-4 u Każ R 1503/2013-4), dwar talbiet għal reġistrazzjoni, rispettivament, tas-sinjali verbali XΑΛΛΟΥΜΙ u tas-sinjali verbali HALLOUMI bħala trade marks Komunitarji.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika ta' Ċipru għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

<sup>(1)</sup> ĠU C 245, 28.7.2014.**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ottubru 2015 – Société des produits Nestlé vs UASI (NOURISHING PERSONAL HEALTH)**(Kawża T-336/14) <sup>(1)</sup>[*“Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Komunità Ewropea — Trade mark verbali NOURISHING PERSONAL HEALTH — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 — Obbligu li jitwettaq l-eżami ex officio tal-fatti — Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009”*]

(2015/C 398/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Société des produits Nestlé SA (Vevey, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Jaeger-Lenz, A. Lambrecht u S. Cobet-Nüse, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Mondéjar Ortuño, aġent)

### **Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Marzu 2014 (Każ R 149/2013-4), dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Komunità Ewropea tat-trade mark verbali NOURISHING PERSONAL HEALTH.

### **Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
  
- 2) *Société des produits Nestlé SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 261, 11.8.2014.

---

### **Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ottubru 2015 – CBM vs UASI – Aeronautica Militare (TRECOLORE)**

(Kawża T-365/14) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva TRECOLORE — Trade marks Komunitarji u nazzjonali verbali u figurattivi preċedenti FRECCE TRICOLORI — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2015/C 398/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Partijiet**

*Rikorrenti:* CBM Creative Brands Marken GmbH (Zurich, l-Isvizzera) (rappreżentanti: U. Lüken, M. Grundmann u N. Kerger, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Aeronautica Militare – Stato Maggiore (Ruma, l-Italja)